MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 711/1989/1

**Philip Bongailas**

**Vs**

**Philip Bonnici**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-konvenut kien inkariga lill-attur, fuq bazi ta' sub-appalt, sabiex jesegwixxi xogholijiet konsistenti fit-twaqqiegh ta' hitan u xogholijiet ohra konnessi fil-fond 76,

South Street, Valletta, bil-prezz miftiehem ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600).

U peress illi l-attur fil-fatt esegwixxa nofs ix-xogholijiet kuntratti, kif jirrisulta ahjar mir-Rapport  tal-Perit dirigenti Fortunato Said tat-13 ta’ Mejju, 1989 (Dok. A); u ghaldaqstant il-konvenut ghandu jaghti lill-istess attur is-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800), liema somma tirrapresenta nofs il-prezz miftiehem bejn il-kontendenti.

U peress illi, nonostante illi l-konvenut kien gie interpellat mill-attur sabiex jaddivjeni ghall-pagament, permezz tal-ittra legali tas-6 ta’ April, 1989, kif ukoll permezz tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju, 1989 (Dok B u E), huwa baqa` ghal kollox inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. M’ghandux jigi kkundannat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) prezz ta’ diversi xogholijiet esegwiti mill-istess attur a favur u fuq inkarigu tal-konvenut ai termini ta’ kuntratt ta’ sub-appalt, fil-fond 76, South Street, Valletta bl-imghaxijiet kummercjali mis-16 ta’ Mejju 1989, kontra l-konvenut li huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ April, 1989, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju, 1989, kontra l-istess konvenut interpellat sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol 17 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-pretenzzjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda peress li l-konvenut m’ghamilx nofs ix-xoghol li kien ikkuntratta mal-konvenut kif jigi ppruvat waqt il-kawza;

2. Illi l-hlas offrut mill-konvenut gie rifjutat mill-attur peress li baqa' jinsisti li jithallas ghal nofs ix-xoghol li kien intrabat li jaghmel, liema xoghol ma kienx ghamel;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** a fol. 19 tal-process fejn issottometta:

Illi huwa ser jaghmel uzu mill-atti tac-citazzjoni pprezentata mill-attur sabiex iressaq il-kontro-talba tieghu;

Illi l-konvenut Philip Bonnici kien ghamel appalt ma' A & P Jewellers Ltd. Sabiex jaghmel diversi xoghlijiet strutturali lill-istess A & P Jewellers fil-fond The Sterling Jewellers f'numru 76, South Street, Valletta li huwa mniffed mal-fond 6D, Republic Street, Valletta ghall-prezz miftihem ta' tlett elef u hames mitt liri Maltin (Lm3,500).

Illi l-konvenut kien ftihem mal-attur li dan ta' l-ahhar jiehu x-xoghol ta' twaqqigh u kostruzzjoni bil-prezz ta' elf u sitt mitt liri Maltin (Lm1,600).

Illi l-attur, minn wara dahar il-konvenut qala l-barra lill-konvenut minn dan ix-xoghol, u hadmu direttament lill A & P Jewellers.

Illi b'hekk il-konvenut sofra danni li jammontaw ghal elfejn u hmistax-il liri Maltin.

Ghalhekk jghid Philip Bongailas ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex;

1) Tiddikjara li Philip Bonnici sofra danni ta' elfejn u hmistax-il liri Maltin, (Lm2,015) liema danni ikkagunahomlu Philip Bongailas; u,

2) Tikkundanna lill-istess Philip Bongailas ihallas is-somma ta' elfejn u hmistax-il liri Maltin (Lm2,015) lil Philip Bonnici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mit-28 ta’ Settembru 1989 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni ta’ Philip Bongailas.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontrotalba tal-konvenut** a fol.15 tal-process fejn eccepixxa**:**

Illi t-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonant kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu huma kollha infondati, u dana sew fil-fatt u fid-dritt, peress illi kienet is-socjeta` “A. & P. Jewellers Ltd.” illi tterminat l-appalt illi kienet originarjament tat lill-istess konvenut rikonvenzjonant, u li maghha l-istess konvenut rikonvenzjonant kellu relazzjonijiet guridici, u dana stante inadempjenza da parti ta’ l-istess konvenut rikonvenzjonant fl-osservazzjoni da parti tieghu tal-kondizzjonijiet tal-istess appalt lilu moghti.

Illi l-esponent kategorikament jichad illi l-appalt in kwistjoni kien gie tterminat mill-imsemmija socjeta “A. & P. Jewellers Ltd.” Sforz ta’ xi manuvrar effettwat minnu minn wara dahar il-konvenut rikonvenzjonant.

Ghaldaqstant il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digrieti a fol. 22/23; .58;.61 u 67;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u tal-Perit tekniku;

**FATTI**

Il-konvenut Philip Bonnici kien inghata appalt mid-diretturi ta’ Sterling Jewwellers sabiex jaghmel tibdiliet strutturali billi jniffed zewg hwienet gewwa l-Belt Valletta, cjoe 6D, Republic Street, u 76 South Street. Il-konvenut imbaghad kien ta sub-appalt lill-attur sabiex jesegwixxi dawn ix-

xogholijiet. Wara li nbeda x-xoghol u ghaddew xi ftit granet, is-sidien itterminaw il-kuntratt li kellhom mal-konvenut u l-attur twaqqaf milli jkompli bix-xoghol mill-konvenut. L-attur f'dina l-kawza qed jitlob kumpens tal-parti tas-sub-appalt li lahaq hadem. Il-konvenut mhux qed jaqbel mat-talba ta' l-attur billi skond hu din ma tirriflettiex b'mod gust il-proporzjon ta' xoghol li jahdimlu l-attur. Il-kwistjoni dwar ix-xoljiment ta' l-appalt bejn is-sidien u l-konvenut hi fil-fatt il-bazi tal-pretenzjoni tal-konvenut kontenuta fil-kontrotalba tieghu li ressaq kontra l-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u rat ir-rapport tal-perit tekniku li rrelata principalment fuq it-talba ta' l-attur.

Il-Perit ikkonkluda li tal-qtugh tal-hajt A-B l-attur ghandu jithallas is-somma ta' Lm450 skond id-dokument A a fol 28. Billi jirrizulta li l-attur hadem ukoll tarag tal-hadid li ma kienx inkluz fl-appalt, il-perit zied is-somma ta' Lm50 *arbitrio boni viri* mas-somma likwidata ghal valur tax-xoghol esegwit mill-attur. Dwar dan ix-xoghol ta' l-ahhar, mix-xhieda ta' l-attur u dik ta' Francesco Sammut, jirrizulta li huma kienu lahqu carrtu nofs tarag tal-hadid.

L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati. Generalment konkluzzjonijiet peritali jistghu jigu attakkati bin-nomina ta' periti perizjuri jew bi produzzjoni ex parte ta' esperti fil-materja.

Fil-kaz in ezami ma saret ebda talba ghal nomina ta' periti addizzjonali u lanqas eskussjoni tal-perit u fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjonjijiet ta' l-attur ma humiex tali li jinnewtrallizaw il-konkluzzjonijiet peritali jew urew li huma irragjonevoli.

Kwantu ghall kontrotalba tal-konvenut il-Qorti tirrileva, l-ewwelnett li l-konvenut ma gab ebda prova dwar kif wasal ghall-ammont minnu mitlub. Inoltre mill provi prodotti

jirrizulta li s-sidien kienu itterminaw l-appalt li kienu taw lill konvenut billi dan kien kiser il-kondizzjoni li jaghmel *supervision* tax-xoghol (ara ukoll xhieda tal-perit Said) kif ukoll ghax ma ghamilx xoghol sew. Ghalkemm il-perit tekniku ma qabilx mar-ragunijiet li taw is-sidien ghat-terminazzjoni tal-kuntratt, din hija haga li l-konvenut kellu jara mas-sidien u mhux ma l-attur. Il-konvenut ma ppruvax li l-attur kien responsabbili ghal dina t-terminazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500);
tichad il-kontrotalba tal-konvenut;
Peress illi l-konvenut kien offra lill-attur qabel il-kawza s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) li pero' giet rifjutata mill-attur;
L-ispejjez jithallsu kwantu ghall 2/5 mill-attur u 3/5 mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------